# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**
**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**
**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 5 ta' Frar, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 1680/00mm**

**Elmo Insurance Agency Limited, in rapprezentanza tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance plc, cessjonarja tad-drittijiet u obbligi tas-socjeta' estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Julian Saliba u l-istess Julian Saliba**

**vs**

**Antonia Gauci**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u wiehed u disghin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm491.41) in kwantu ghal erba' mija tlieta u erbghin lira u wiehed u erbghin centezmu (Lm443.41) lis-socjeta' attrici Elmo Insurance Agency Limited noe u in kwantu ghal tmienja u erbghin lira (Lm48) lill-attur Julian Saliba, in linea ta' danni - minnhom sborsati - in segwitu ghal incident awtomobilistiku li gara Mgarr fl-4 ta' April, 2000, meta waqt li l-konvenuta kienet qieghda ssuq il-vettura Nru. CAP 256 habtet mal-vettura Nru. KBC 578 propjeta' ta' l-attur Julian Saliba u misjuqa mill-attur - prevja dikjarazzjoni li ghal dan l-incident il-konvenuta kienet unikament responsabbli minhabba mprudenza, mperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Awissu, 2000, u dawk ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' l-avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenuta a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, bl-imghax legali mit-22 ta' Awissu, 2000, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-29 ta' Jannar, 2001, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

Anthony Zammit

Deputat Registratur